MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 7/1991/1

**Mario Mizzi.**

**vs.**

**Mary Mizzi xebba Frendo.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta’ Jannar 1991 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-partijiet fl-4 ta’ Lulju 1987 ghamlu c-cerimonja taz-zwieg u dan jinsab registrat skond in-numru ta’ iskrizzjoni 1028/87 fir-Registru Pubbliku;

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett ghar-ragunijiet illi l-konvenuta ma kellhiex l-abbilta` illi tistabbilixxi komunita`

ta' hajja mizzewga u *inoltre* kellha nuqqas ta' *due discretion* dwar l-obbligi taz-zwieg;

Illi ukoll l-istess konvenuta ma kellhiex l-abbilta` psikologika li tassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg;

Illi anke da parti ta' l-attur minhabba l-eta` u c-cirkostanzi precedenti ma kienx hemm dik id-diskrezzjoni mehtiega biex ikun jista` jaghti l-kunsens validu;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet li sar fl-5 ta' Lulju 1987 u registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni 1028/87 u ghar-ragunijiet premessi huwa null u bla effett.

Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti li ghamel l-attur (a fol. 4);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 6 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi kuntrarjament ghal dik li gie mistqarr fic-citazzjoni, z-zwieg bejn il-kontendenti huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Ghalhekk l-azzjoni ta' l-attur ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta (a fol. 10);

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 11 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ din il-Qorti kif diversament presedjuta datat 15 ta’ Marzu 1991;

Rat l-affidavit ta’ l-attur a fol. 13 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta’ din il-Qorti kif diversament presedjuta datati 21 ta’ Mejju 1991 fejn intalab li jigi rizervat il-kontro-ezami ta’ l-attur u ma kienx hemm oggezzjoni; u t-28 ta’ Gunju 1991 fejn gie nominata Dr. Louis Cassar Pullicino bhala Perit Legali;

Rat il-verbali tad-19 ta’ Novembru 1991; tas-26 ta’ Frar 1992; ta’ l-24 ta’ Marzu 1992 fejn deher Dr. Stefan Frendo ghall-Perit Legali li nforma lill-Qorti li l-Perit Legali xtaq li jigi ezentat mill-inkarigu tieghu; il-Qorti rrevokat l-istess inkarigu u l-Perit Legali gie sostitwit b’Dr. Anna Felice; tat-12 ta’ Marzu 1992; tat-3 ta’ Gunju 1992; tas-17 ta’ Novembru 2002; tas-26 ta’ Frar 1993; tat-30 ta’ Marzu 1993; ta’ l-4 ta’ Gunju 1993 fejn dehret il-Perit Legali nfurmat lill-Qorti li sabitha difficli sabiex izzomm is-seduti; tat-3 ta’ Novembru 1993; tal-21 ta’ Jannar 1994 fejn il-Perit Legali regghet infurmat lill-Qorti li ma nzammu ebda seduti; tat-18 ta’ Marzu 1994 fejn il-Qorti ordnat li s-seduti jinzammu anke fl-assenza ta’ xi wahda mill-partijiet jew id-difensuri taghhom; tas-17 ta’ Mejju 1994;

Rat in-nota ta’ l-attur tad-19 ta’ Mejju 1994 li permezz taghha pprezenta l-affidavits ta’ ommu, Frances Meilaq li jinsab a fol. 39 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attur ta’ l-24 ta’ Mejju 1994 fejn iddikjara li jixtieq jaghmel il-kontro-ezami ta’ ommu Frances Meilaq;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-18 ta’ Ottubru 1994; tas-6 ta’ Dicembru 1994 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u qablu li jinzammu erba` seduti; tat-28 ta’ Marzu 1995; 30 ta’ Mejju 1995 fejn il-Qorti giet infurmata li ma nzammux seduti; ta’ l-1 ta’ Novembru 1995; tat-30 ta’ Jannar 1996; u tas-26 ta’ Marzu 1996 fejn gie revokat l-inkarigu ta’ Dr. Anna Felice u gie nominat Dr. Thomas Abela minflokha;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Mejju 1996; tat-23 ta’ Ottubru 1996; tat-22 ta’ Jannar 1997 fejn deher il-Perit Legali li nforma lill-Qorti li qed isibha difficli li jiffissa seduti; tat-12 ta’ Marzu 1997; tat-30 ta’ April 1997; tal-21 ta’ Mejju 1997 fejn il-Qorti giet infurmata li l-partijiet ma kenux qed iressqu provi waqt is-seduti mal-Perit Legali; il-kawza giet differita Sine Die;

Rat ir-rikors ta’ l-attur ta’ l-1 ta’ Settembru 1997 fejn talab li l-kawza tigi riappuntata ghas-smigh ghat-12 ta’ Novembru 1997;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta’ Ottubru 1998; tat-13 ta’ Jannar 1999; tas-26 ta’ Frar 1999; tat-3 ta’ Marzu 1999; tal-21 ta’ April 1999; ta’ l-1 ta’ Gunju 1999; tat-30 ta’ Gunju 1999; tas-6 ta’ Ottubru 1999; tat-3 ta’ Dicembru 1999; tad-9 ta’ Frar 2000; tat-22 ta’ Marzu 2000; tal-31 ta’ Mejju 2000; tas-7 ta’ Lulju 2000; tat-13 ta’ Ottubru 2000; tas-6 ta’ Dicembru 2000 fejn il-Qorti awtorizzat il-Perit Legali sabiex jirtira l-process u jlesti r-relazzjoni; ta’ l-14 ta’ Marzu 2001 fejn il-Perit Legali nforma lill-Qorti li kien gie nfurmat li z-zwieg kien gie dikjarat null fit-tieni stadju tat-Tribunal Ekklesjastiku; tat-23 ta’ Mejju 2001; tal-11 ta’ Lulju 2001; tal-5 ta’ Ottubru 2001; tas-7 ta’ Novembru 2001 li nforma lill-Qorti li pprezenta r-rapport fil-kawza dwar l-annullament konnessa ma’ din il-kawza; tat-28 ta’ Novembru 2001; tat-12 ta’ Dicembru 2001; tal-11 ta’ Jannar 2002; tat-13 ta’ Frar 2002; ta’ l-10 ta’ April 2002; u tat-22 ta’ Mejju 2002;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali a fol. 107;

Rat il-verbali tas-seduti wkoll quddiem din il-Qorti diverament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale ta’ l-10 ta’ Lulju 2002 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport; tat-8 ta’ Ottubru 2002; tat-28 ta’ Novembru 2002; tal-5 ta’ Dicmbru 2002; u tat-30 ta’ Jannar 2003;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond. C.

Pace; datati 28 ta' Marzu 2003; u 21 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat ix-xhieda prodotta quddiem l-istess Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. FATTI KONSTATATI.

Illi bhala konstatazzjonijiet ta' fatti mix-xhieda prodotta jirrizulta s-segwenti:-

a.) Il-konvenuta kienet izzewget ta' eta` tenera u kellha tifel. Iz-zwieg taghha mill-ewwel dahal fl-inkwiet u ta' hames xhur binha spicca mrobbi minn terzi. Tali zwieg ghal ragunijiet mhux identifikati f'dan il-process gie annullat mit-Tribunal Ekklesjastiku u mill-istat.

b.) Il-konvenuta kienet bdiet ir-relazzjoni ma' l-attur meta hija mhux biss kienet ghada mizzewga ma' l-ewwel ragel, imma kienet ghadha wkoll residenti mieghu, u kienet qed tagixxi bil-mohbi tieghu. Hija tikkonferma dan u l-attur jiddikjara li din s-sitwazzjoni kienet insapportabbli ghalih.

c.) Illi l-konvenuta pprocediet ghas-separazzjoni u annullament ta' l-ewwel zwieg diversi snin wara li bdiet r-relazzjoni taghha mal-attur. Dan kollu hija u l-attur zammewh mohbi minn omm l-attur kif ukoll minn zewgha ghal zmien twil.

d.) Il-partijiet dahlu fiz-zwieg fl-4 ta' Lulju ta' l-1987, u kellhom tifla. Meta l-partijiet kienu ga ilhom jafu lil xulxin u kellhom relazzjoni ta' ghaxar snin.

e.) Il-partijiet kienu ltaqghu meta l-attur kellu 20 sena u l-konvenuta 24 sena. Minkejja s-sitwazzjoni ta’ l-attrici komplew bir-relazzjoni bil-mohbi tar-ragel taghha ghal seba’ (7) snin.

f.) Iz-zwieg illum huwa mkisser irrimedjabbilment. Il-partijiet illum ilhom kwazi ghaxar (10) snin mifrudin u ma jidhirx li hemm possibbilta` ta’ rikonciljazzjoni.

g.) L-inkwiet bejn il-partijiet beda` kmieni fl-ewwel snin tat-tieni zwieg. Damu flimkien minkejja d-diffikultajiet kollha, tlieta/erba’ snin biss.

h.) Qed isiru allegazzjoni li kull parti sabet persuna ohra li maghha tibni relazzjoni. L-attur jammetti li, *stante* li z-zwieg tieghu huwa jirritjeni li huwa null, qieghed jikkultiva relazzjoni ohra ma’ mara ohra. Il-konvenuta ghalkemm ma tammettix kellha kuntatt ma’ persuna li wriet lejha rieda li tassistiha u sahansitra tintervjeni ma zewgha f’okkazjoni minnhom.

**B. PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi li:-

*19 (d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

Illi ta' rilevenza huwa wkoll l-**artikolu 20 tal-istess Kap 255** li jipprovdi li:-

*20. (1) Jekk zwieg ikun dikjarat null l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu, favur il-mizzewgin sakemm is- sentenza ta' nullita` tkun saret res judicata meta l-mizzewgin ikunu zzewgu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta' zwieg validu jitqiesu li dejjem kienu jezistu ghal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew koncepiti matul zwieg dikjarat null kif ukoll ghal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iz-zwieg u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tinghata s-sentenza ta' nullita`.*

*(3) Jekk wahda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l- effetti japplikaw favur taghha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda wahda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' zwieg validu ghandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew koncepiti matul iz-zwieg dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull dispozizzjoni ohra, min mir-ragel jew il-mara jkun responsabbli ghan-nullita` taz-zwieg, ikun obbligat ihallas manteniment lill-parti l-ohra li tkun in bona fide ghal perijodu ta' hames snin, liema obbligu jispicca jekk il-parti in bona fide tizzewweg matul dak iz-zmien.*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (d)** jinghad li b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri****, P.A., 10 ta' Novembru*

*1995). "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e*

*ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,* Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li

taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibblita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-**Bersini**, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-

obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** addotat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

- *"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

- *When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

- *When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

- *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within." (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990* **coram Bajada. Forum 2** (1991) pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li *"Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake "* (***Bruno*****,** 30 ta' Mejju 1986 **"Monitor Ecclesiasticus LXII***"* (1987) 542/543).

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ssostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cioe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghal komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 - Citaz. Nru.1564/97RCP) **u "Kevin Spiteri v Dr.Renzo Porsella-Flores**" (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Citaz. Nru.2443/97RCP).

Illi dwar **l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** dan jistipula li:-

*(h) "jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi ***John R. Keating,*** fil-ktieb tieghu **"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*“Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will.”*

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi indikati l-punti ta' fatt u ta' ligi hawn fuq, jonqos issa li jigu applikati ghall-fatti dikjarati, l-ligijiet applikabbli. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda kollha li giet pprezentata fl-atti processwali kemm f’dokumenti kif ukoll permezz ta’ affidavit u ta’ xhieda *viva voce*.

Illi t-talba dedota fic-citazzjoni hija ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg bejn il-partijiet celebrat fl-4 ta’ Lulju 1987. Din it-talba qed tigi bbazata fuq diversi ragunijiet premessi fic-citazzjoni ta’ l-attur. Huwa qed jallega li:-

i.) il-konvenuta ma kellhiex l-abbilta` li tistabbilixxi komunita ta’ hajja mizzewga u ma kelliex *due discretion* dwar ir-responsabbiltajiet fiz-zwieg.

ii.) il-konvenuta ma kellhiex l-abbilta` psikologika li tassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg.

Illi kkonsidrati l-premessi mressqa mill-attur jidher li mill-kumpless tal-provi, li din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali fuq dawn il-premessi attrici, u fil-fatt din il-Qorti hija wkoll ta’ l-opinjoni li tul ir-relazzjoni taghha kollha mal-attur il-konvenuta agixxiet b’mod li jirrizulta li hija ma kenetx konxja mill-obbligazzjonijiet taghha ta’ mara mizzewga, u dan huwa iktar accentwat meta wiehed jikkonsidra li l-istess konvenuta kienet qabdet din r-relazzjoni ma’ l-attur waqt li kienet ghada mizzewga lir-ragel iehor, u dahlet ghal dan iz-zwieg, wara li l-ewwel zwieg kien gie ddikjarat null kemm civilment u kemm ekklesjastikament. Fil-fatt irrizulta wkoll li mill-ewwel zwieg hija wkoll kellha tifel li adirittura ma rabbietx hija, imma

thalla f'idejn terza persuna. Minn dan jidher ukoll li l-istess konvenuta lanqas kienet ippreparata tagixxi ta' omm, u dan apparti l-pressjoni kollha li xehtet fuq l-attur.

Illi fil-fatt jidher ukoll li l-istess konvenuta ma' l-ewwel diffikultajiet li kellha fl-ewwel snin ta' l-ewwel zwieg taghha mill-ewwel dahlet f'relazzjoni ma' l-attur. Din r-relazzjoni ma ragel ta' eta` izghar minnha komplitha bil-mohbi ta' zewgha ghal seba' snin. Ovvjament dan kollu lanqas jirrifletti sew fuq l-attur, li ma haseb xejn li jkollu relazzjoni ma' mara li ghalih kienet mizzewga u jidher li huwa l-istess attur ukoll li ha vantagg ta' l-istess nuqqasijiet tal-konvenuta

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet odjerni cedew mill-ewwel ghac-cirkostanzi li kellhom quddiemhom u jidher car li kull parti ma kenitx kapaci tkkontrolla l-emozzjonijiet taghha. Il-konvenuta ghalhekk sabet lill-attur bhala bastun ghall-bzonnijiet emozzjonali taghha u dawk finanzjarji, u fil-fatt ghexet hajja ta' nuqqas ta' lejalta' u habi.
Illi l-Qorti hija ta' l-opinjoni li dawn il-fattispeci kollha tal-kaz *de quo* jindikaw b'mod inkonfutabbli li l-konvenuta ma kellhiex fil-mument taz-zwieg taghha ma' l-attur dak li l-ligi ssejjah bhala *"due discretion"* u cjoe' dik il-kapacita' li taghraf tirrejagixxi fl-ambjent familjari li kienet dahlet ghalih u dan jidher li huwa konsistenti f'kull relazzjoni li kellha. Dan huwa kollu ssostanzjat mix-xhieda ta' l-attur dwar l-imgiebha taghha tul il-ftit snin ta' konvivenza bejniethom u z-zmien li ghaddew flimkien. Il-Qorti thoss li fix-xhieda tieghu l-istess attur kien kredibbli u hija konvinta li d-deskrizzjoni minnu moghtija ta' kif kienet l-hajja tieghu mal-konvenuta hija konvincenti, u timmanifesta palezament li l-konvenuta certament kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha.

Illi l-istess jista' jinghad ghall-attur innifsu u fil-fatt l-istess attur jidher li fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, kif huwa stess jammetti, kien gravament immatur, u fil-fatt kien qed ibaghti minn dik li tissejjah bhala *"impotenza morale"* jew *"impotenza psichica"* u li l-gurisprudenza tindika bhala

*“quella specifica incapacita provenienete da anomalie della personalita’ che, lasciando integre le potenze superiori di intendere e di volere, renderebbe il soggetto incapace di impegnarsi in un valido patto coniugale perche incapace di adempere gli obbligihi essenziali del contratto matrimoniale.’’*

Illi fil-fatt jidher li l-istess attur kien litteralment infattwat bil-konvenuta u din hija addirittura kkonfermat mix-xhieda tal-konvenuta fejn hija tikkonferma li minkejja li nfurmatu bic-cirkustanzi taghha inkluz li kienet gja mizzewga huwa xejn ma habbel rasu u bin-*nonchalance* kollha qalilha *“so what”*. Donnu dan tat-timbru lill-imgieba ta’ l-attur kemm dam mal-konvenuta.

Illi huwa minnu wkoll li l-attur kien herqan li jghin lill-konvenuta fic-cirkostanzi difficli li kien sabha fihom u minkejja l-fatt li huwa kien jinsab u pogga lilu innifsu f’pozizzjoni difficli, li anke xtaq jittermina r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, huwa ma kellux il-kuragg u l-animu necessarju sabiex jaghmel dan, anzi jidher li kien adirittura jippanikja kif il-konvenuta taghmel l-inqas accenn li kienet li twaqqaf ir-relazzjoni intima mieghu. Dan juri kemm l-attur kien *in verita’* infattwat bir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, u dan kollu huwa ferm ‘il boghod minn koncepiment mentali ta’ l-elementi essenzjali taz-zwieg, u fil-fatt ghalkemm il-partjiet wara relazzjoni twila zzewgu, dan iz-zwieg ma rnexxilhiex u *in verita’* qatt ma seta` jirnexxi, peress li kemm l-attur u kemm il-konvenuta kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess istitut, b’mod li tali difett kien ta’ ostakolu ghall- hajja konjugali u komunali ta’ bejniethom.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255,** ghakemm din hija *ormai* kwistjoni akkademika, din il-Qorti, kontrarjament ghal dak li irrelata l-perit legali, ma thossx li japplika ghall-

kaz in ezami, anzi l-fattispecie fuq indikati ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-istess subartikolu citat mill-perit legali, u allura l-konkluzjonijiet tal-perit legali fuq l-istess mhux qed jigu accettati minn din il-Qorti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** fis-sens biss hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet li sar fil-5 ta' Lulju 1987 u registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' l-Iskrizzjoni Numru 1028/87 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u senjatament abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------